**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 27 ta' Novembru, 2019**

**Avviz numru: 55/2018 MLF**

**Etienne Cachia**

**vs**

**Concorde International Freight Forwarders Limited**

## PROVVEDIMENT

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tas-socjeta' konvenuta datat 30 ta' Lulju 2019 li permezz tieghu qed titlob li l-Qorti:

1. Tezonera lir-rapprezentant tas-socjeta' esponenti milli jipprezenta d-dokumentazzjoni waqt l-ahhar udjenza u cioe' kopja tal-polza assikurattiva li hija ghandha mas-socjeta' assikurattiva taghha u l-korrispondenza ancillari;

2. Tordna s-soprasessjoni tat-talba odjerna ai termini tal-Artikolu 964 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan sakemm ma tinghatax decizjoni preliminari mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili.

Rat ir-risposta tal-attur li permezz taghha u ghar-ragunijiet hemmhekk indikati oppona ghat-talbiet maghmula mis-socjeta' konvenuta.

Ikkunsidrat:

*L-Ewwel Talba tar-Rikorrenti – Ezenzjoni minn produzzjoni ta' Provi dwar l-Assigurazzjoni*

Fis-seduta ta' nhar it-8 ta' April 2019, ix-xhud Nicholas Xerxen bhala rapprezentant tas-socjeta' konvenuta kien obbliga ruhu li fis-seduta skedata ghal-lum jesebixxi kopja tal-polza tal-assigurazzjoni bejn is-socjeta' konvenuta u s-socjeta' assikuratrici taghha rigward il-kaz, kif ukoll kwalunkwe dokumentazzjoni li tirrigwarda il-claim li saret mis-socjeta konvenuta mas-socjeta assikuratrici dwar il-mertu ta' dawn il-proceduri.

Il-Qorti tirrileva illi permezz ta' din il-kawza, l-attur qieghed jitlob il-hlas tal-valur tal-oggetti mobbli li gew meqruda f'nirien, waqt li dawn l-oggetti kienu fil-pussess tas-socjeta' intimata u/jew agenti taghha.

Fir-risposta taghha ghal din il-kawza, is-socjeta' konvenuta mhux qed tikkontendi jekk dan l-incident sehhx jew le, izda permezz tat-tieni eccezzjoni taghha tecepixxi li dan l-incident sehh f'cirkostanzi li s-socjeta' konvenuta ma setghetx tevita u li l-konsegwenzi ta' dan l-incident ma setghux jigu prevenuti.

Jibda biex jinghad illi huwa pacifikatament accettat fil-gurisprudenza tal-qrati taghna li huma l-premessi u t-talbiet tal-att promotur li jifformaw il-parametri li fihom il-qorti ghandha tezercita l-gudizzju taghha. Ghal dik li hi l-bazi tal-azzjoni, fil-fehma tal-Qorti, mid-dicitura stess tar-rikors promotur u wkoll mir-risposta tas-socjeta' konvenuta ghal dawn it-talbiet, dak li qed tigi mitluba tiddetermina din il-Qorti f'din il-kawza huwa jekk is-socjeta' konvenuta fil-kwalita' taghha ta' trasportatur tal-oggetti li kienu jappartjenu lill-attur, haditx il-mezzi kollha biex tigi evitata kull hsara, u konsegwentement irid jigi determinat ukoll jekk kienx possibbli ghas-socjeta' konvenuta li tevita jew tipprevjeni li ssir il-hsara fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, u dan fid-dawl tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni CMR li assumiet is-sahha ta' ligi f'Malta bis-sahha tal-Att dwar il-Garr Stradali Internazzjonali ta' Merkanzija (Kapitolu 486 tal-Ligijiet ta' Malta).

Ghandu jinghad ukoll illi fi proceduri quddiem il-qrati ta' kompetenza civili, il-gbir tal-provi huwa regolat bid-diposizzjonijiet tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u senjatament bl-Artikolu 558 li jipprovdi illi "*kull prova ghandha tkun rilevanti ghall-kwestjoni fil-kawza bejn il-partijiet*". Imbaghad l-Artikolu 560 jipprovdi wkoll illi "*Il-qorti għandha tiċħad li tinġieb kull prova li jidhrilha li mhix rilevanti jew li hija żejda, jew li jidhrilha li mhix l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib*." Mid-disposizzjonijiet ta' dawn l-artikoli, huwa car li prova ghanda tigi ammessa biss jekk din tkun rilevanti ghall-kwistjoni bejn il-partijiet u ghalhekk min jitlob li jressaq dik il-prova, jehtieglu li juri b'mod konvincenti mhux biss li tezisti konnessjoni logika "*izda fuq kollox li din il-konnessjoni tkun b'mod li ghall-anqas mill-prova logikament tingibed inferenza rilevanti*."[1]

L-attur isostni li l-prova li huwa qed jitlob li tingieb hija rilevanti u mehtiega, ghaliex skond l-attur jekk minn din il-prova jirrizulta li s-socjeta' konvenuta ressqet talba lis-socjeta' assikuratrici taghha ghall-hlas tal-valur tal-oggetti tal-klijenti taghha, u fl-eventwalita' illi jirrizulta illi din is-socjeta' assikuratrici tkun wettqet dan il-hlas, allura jkun ifisser li dak il-hlas ikun dovut lill-attur. Skond l-attur, fin-nuqqas li s-socjeta' konvenuta tghaddilu dan l-allegat hlas allura jkun ifisser illi s-socjeta' konvenuta tkun arrikixxiet ruhha indebitament.

Madankollu kif gie evidenzjat aktar 'l fuq, it-talba li ghandha quddiemha din il-Qorti hija ghal hlas tad-danni bbazata fuq inadempiment kuntrattwali u mhux dik ghab-bazi tal-principju ta' arrikiment indebitu. Ghal fini ta' din il-kawza, l-unika relazzjoni kuntrattwali li hija rilevanti hija dik konkluza bejn l-attur u s-socjeta' konvenuta in konnessjoni mal-garr ta' l-oggetti mertu tal-kawza. Ir-relazzjoni tas-socjeta' konvenuta mal-assikuratur taghha, li huwa terz ghal din il-kawza, hija *res inter alios acta* li bl-ebda mod ma jbiddel l-obbligi tas-socjeta` konvenuta kif jirrizultaw mil-ligi u l-konvenzjonijiet li jirregolaw ir-relazzjoni kuntrattwali ta' bejn il-partijiet.

Isegwi ghalhekk li l-polza tal-assikurazzjoni li s-socjeta' konvenuta seta' kellha ma' terzi, inkluz il-korrispondenza li ghaddiet bejn is-socjeta' konvenuta u s-socjeta' assikurattiva taghha, mhumiex ser ikollhom ebda effett la in sostenn tat-talbiet attrici u lanqas sabiex ixejnu d-difiza sollevata mis-socjeta' konvenuta. Ghaldaqstant, fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 558 u 560 tal-Kodici ta' Procedura Civili, il-Qorti ser tilqa' l-ewwel talba kif

[1] Ara sentenza fl-ismijiet **Carmelina Scicluna vs Paul Farrugia et**, deciza mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fit-12 ta' Mejju 2003 (*Per* Imhallef Philip Sciberras).

kontenuta fir-rikors tas-socjeta' konvenuta Concorde International Freight Forwarders Limited tat-30 ta' Lulju 2019 stante illi din il-prova ma hijiex rilevanti ghal fini ta' din il-kawza.

*It-Tieni Talba – Is-Soprasessjoni*

Fir-rigward imbaghad tat-tieni talba mressqa mis-socjeta' konvenuta fir-rikors taghha, u cioe' dik ghas-soprasessjoni ta' din il-kawza sakemm tinghata decizjoni preliminari fil-kawza pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza (Rikors Nru. 835/2018 GM), din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Calamatta et vs Mario Darmenia et** deciza mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[2] fit-12 ta' Novembru 2003 fejn inghad illi "*Il-provvediment tas-soprasessjoni huwa allura ndikat ghal dawk il-kazijiet meta jkun hemm lok ghas-soluzzjoni ta' xi punt li minnu tiddependi necessarjament il-kontinwazzjoni tal-kawza li tigi soprasseduta sa dik is-soluzzjoni.*"

F'dan il-kaz, il-Qorti tirrileva li din it-talba tas-socjeta' konvenuta hija mankanti minn diversi aspetti, u partikolarment billi l-istess socjeta' konvenuta: (i) naqset milli tesebixxi kopja tar-Rikors Guramentat u r-Risposti Mahlufa li gew prezentati f'dik il-kawza sabiex din il-Qorti jkollha indikazzjoni tal-vertenza li ghandha quddiemha l-Prim'Awla tal-Qorti Civili, u (ii) naqset milli tispjega kif id-decizjoni li ser tinghata minn dik il-Qorti fil-kawza surriferita sejra tinfluwixxi l-mertu ta' din il-kawza.

B'zieda ma' dan, minn harsa lejn il-kopja tar-Rikors Guramentat esebita mar-risposta tal-attur, jidher li l-mertu tal-kawza pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, minkejja li jitratta l-istess incident, huwa ghal kollox differenti minn dak tal-kawza odjerna. In oltre, in-natura tal-azzjoni migjuba kontra s-socjeta' konvenuta f'dik il-kawza hija wahda delittwali, ghal kuntrarju tal-kawza odjerna li hija wahda ta' natura kuntrattwali. Fl-eventwalita' illi ssehh l-ahjar ipotezi ghas-socjeta' konvenuta fil-kawza pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-

[2] *Per* Imhallef Philip Sciberras. Ara wkoll f'dan is-sens sentenza fl-ismijiet **Joseph Azzopardi et vs Victor Critien pro et noe** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' April 1962, *per* Imhallef Joseph H. Xuereb

Qorti Civili u cioe' jekk tintlaqa' l-eccezzjoni taghha li hija ma hijiex il-legittimu kontradittur,[3] dik id-decizjoni ma jkollha ebda effett fuq il-mertu tal-kawza odjerna.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjoni fuq esposti, din it-tieni talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qed tiddisponi mir-rikors tas-socjeta konvenuta tat-30 ta' Lulju 2019 bil-mod segwenti:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tezonera lir-rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti milli jipprezenta d-dokumentazzjoni imsemmija waqt l-ahhar udjenza, u cioe' kopja tal-polza assikurattiva li hija ghandha mas-socjeta' assikurattiva taghha u l-korrispondenza ancillari;

2. Tichad it-talba ghas-soprasessjoni tat-talba odjerna ai termini tal-Artikolu 964 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-ispejjez in konnessjoni ma' dan l-incident ghandhom jigu subiti bin-nofs bejn il-partijiet.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**

[3] Skond kif qalet is-socjeta rikorrenti fil-paragrafu numru 8 tar-rikors taghha, stante li kif inghad ir-risposta mahlufa ma gietx pprezenta.